**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Rikors Nru. 253/17JRM**

Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Numru 1682/16 fl-ismijiet:

**SEGRETARJU PERMANENTI FIL-MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA**

vs

Peter **AXISA** f'ismu personali kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta' *Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegetables)*; Joseph Mary Farruġia għan-nom u in rappreżentanza ta' *Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegetables)*; u Saviour Gauċi għan-nom u in rappreżentanza ta' *Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegetables)*

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mill-eżekutat Peter Axisa f'ismu proprju fil-21 ta' Marzu, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li din il-Qorti tħassar il-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi għall-finijiet tal-artikoli 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Marzu, 2017, li bih ordnat in-notifika lill-intimat eżekutant bi żmien għan-Nota bħala tweġiba għat-talba tal-eżekutat;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat eżekutant fl-10 ta' April, 2017, li biha u għar-raġunijiet hemm minnu msemmijin, qal li ma hemm l-ebda raġuni tajba biex it-talba tal-eżekutat Axisa tintlaqa';

Rat l-atti kollha tar-rikors u tal-Mandat li għalih jirreferi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija proċedura taħt l-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għat-tħassir f'biċċa minnu ta' Mandat kawtelatorju. L-eżekutat irid li l-Mandat imsemmi jitħassar safejn inħareġ kontra tiegħu personalment u mhux bħala rappreżentant tal-Grupp ta' Produtturi;

Illi mill-fatti ewlenin rilevanti għall-kwestjoni jirriżulta li fil-15 ta' Novembru, 2016, is-Segretarju Permanenti eżekutant talab u kiseb il-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra r-rikorrent eżekutat u oħrajn għas-somma ta' tlieta u sebgħin elf mitejn u tnax-il euro u wieħed u erbgħin ċenteżmi (€ 73,212.41) b'ħarsien ta' pretensjonijiet tiegħu dwar "ammont dovut stante li ma ġiex onorat il-ftehim tat-3 ta' Mejju, 2006, mertu tal-kawża fl-ismijiet premessi". Il-Mandat inħareġ lil disa'sekwestratarji, fil-biċċa l-kbira minnhom banek lokali, dak inhar stess li ntalab il-ħruġ tiegħu. Kif ingħad fl-atti tal-Mandat, l-eżekutant ħareġ l-imsemmi Mandat b'ħarsien ta' pretensjonijiet li huwa għandu fil-konfront tal-eżekutati f'kawża li hu fetaħ dakinhar li ressaq il-Mandat[1];

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt ta' min iżomm quddiem għajnejh li, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li mhuwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi l-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[2];

---

[1] Rik Nru. 1047/16JRM imħolli għas-smigħ tal-1.6.2017 għall-informazzjoni ulterjuri

[2] Kumm GMA**23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

Illi f'dan il-każ l-eżekutat Axisa jibni t-talba tiegħu fuq kawżali waħda:

A) Jintwera li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli [Art. 836(1)(f)]. Huwa jgħid li ladarba l-ftehim li sar f'Mejju tal-2006 kien jorbot lill-Grupp tal-Produtturi u mhux lill-membri tal-imsemmi Grupp personalment, il-pretensjonijiet tas-Segretarju Permanenti eżekutant ma jistgħux jitressqu kontra l-ebda membru fil-vesti personali, imma kontrihom biss kwantu rappreżentanti tal-istess Grupp. L-eżekutat jgħid li ma huwiex għalhekk raġonevoli li l-Mandat jibqa' fis-seħħ safejn inħareġ kontra tiegħu personalment;

Illi l-eżekutant iwarrab dan l-argument u jgħid li l-għarfien li kien ingħata lill-Grupp ta' Produtturi kien twaqqaf f'Mejju tal-2012[3] u l-pretensjonijiet tiegħu jirrigwardaw obbligi li jirrigwardaw lill-Grupp u lill-istess eżekutat. Huwa jżid jgħid li ma kien hemm l-ebda bdil fiċ-ċirkostanzi minn dakinhar li nħareġ il-Mandat sa dakinhar li tressaq dan ir-rikors, u għalhekk it-talba għat-tħassir tal-Mandat mhijiex tajba;

Illi l-Qorti tibda biex tqis li fil-kawża miftuħa mill-eżekutant, l-eżekutat ukoll tħarrek fil-kwalita' tiegħu personali. Il-kwestjoni dwar jekk l-eżekutat messux tħarrek fil-kawża f'dik il-kwalita' tqajmet f'waħda mill-eċċezzjonijiet tal-istess eżekutat u din il-Qorti għadha trid tiddeċidiha. Li kieku l-Qorti kellha tilqa' t-talba tal-eżekutat għat-tħassir tal-Mandat f'dan l-istadju u għar-raġuni msemmija minnu, kienet tkun qiegħda turi minn issa l-fehma tagħha dwar l-imsemmija eċċezzjoni. Dan ukoll huwa ta' xkiel biex it-talba tal-eżekutat tista' tintlaqa';

Illi b'żieda ma' dan biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, din il-Qorti se tasal għall-fehma li l-eżekutat ma messux tħarrek fil-kawża fil-vesti personali, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[4]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimat eżekutant;

Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx

---

[3] Dok "KD4", f'paġġ. 44 – 5 tal-atti

[4] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ[5]. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ;

Illi fil-każ tal-lum l-eżekutat ma weriex li seħħet xi bidla fiċ-ċirkostanzi minn dakinhar li l-eżekutant talab u kiseb il-ħruġ tal-Mandat. Din il-Qorti diġa' qieset li ma tilqax ir-raġuni li hija semmiet għaliex ma kellux jinħareġ il-Mandat. Għalhekk, ma jistax jingħad li, ladarba ma seħħet l-ebda bidla fiċ-ċirkostanzi, issa ma huwiex raġonevoli li l-istess Mandat jibqa' aktar fis-seħħ jew li hemm xi raġuni li twassal biex il-Mandat jitħassar kollu jew f'biċċa minnu;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li l-eżekutat seħħlu jagħtiha raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar fuq il-kawżali magħżula minnu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrent eżekutat PeterAxisa billi:

**Tiċħad it-talba** tiegħu, għaliex mhijiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt f'dan l-istadju, bl-**ispejjeż** kontra l-istess eżekutat.

Mogħti kameralment illum, it-23 ta' Mejju, 2017.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

Komunika: Dr. Peter Fenech LL.D. – għar-rikorrent eżekutat
Dr. Abigail Caruana LL.D. – għall-intimat eżekutant

(Kopja għan-notifika tal-partijiet)

[5] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et***